

5. Il-ħames motiv jallega li r-regolament ikkontestat jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn il-projbizzjoni tar-ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati teċċedi l-limiti ta' dak li huwa xieraq, ma hijiex neċessarja sabiex jinksibu l-għanijiet segwiti ma ma hijiex il-miżura l-inqas oneruża li l-Kummissjoni setgħet tuża.
6. Is-sitt motiv jallega li r-regolament ikkontestat jikser il-prinċipju ta' trattament ugwali sa fejn il-projbizzjoni tar-ritardanti tal-fjammi tan-nar aloġenati hija diskriminatorja fir-rigward ta' kategoriji oħra ta' prodotti u fir-rigward ta' sustanzi oħra.
7. Is-seba' motiv jallega li bl-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 15(1) tad-direttiva tal-ekodisinn u l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 u 8 tad-Deċiżjoni 1999/468/EC <sup>(1)</sup> u aġixxiet *ultra vires*.

(<sup>1</sup>) Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU 2009, L 285, p. 10).

(<sup>2</sup>) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 124).

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2020 – Alvargonzález Ramos vs EUIPO – Ursus-3 Capital,  
A.V. (URSUS Kapital)**

**(Kawża T-114/20)**

(2020/C 129/22)

*Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Pablo Erik Alvargonzález Ramos (Madrid, Spanja) (rappreżentant: E. Sugrañes Coca, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Ursus-3 Capital, A.V., SA (Madrid, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva URSUS Kapital – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 5 641 303

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Diċembru 2019 fil-Każ R 711/2019-5

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— taqta' u tiddeċiedi s-sentenza billi tbiddel id-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba nuqqas ta' użu mressqa kontra t-trade mark tal-Unjoni Ewropea rreġistrata Nru 5 641 303 URSUS Kapital (figurattiva), fir-rigward tas-servizzi ta' "negożji finanzjarji" fil-klassi 36; u tiddikjara li t-trade mark Nru 5 641 303 għet effettivament użata għan-"negożji finanzjarji";

- sussidjarjament, taqta' u tiddeċiedi s-sentenza billi tbiddel id-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba nuqqas ta' użu mressqa kontra t-trade mark tal-Unjoni Ewropea rreġistrata Nru 5 641 303 URSUS Kapital (figurattiva), fir-rigward tas-servizzi ta' "negożji finanzjarji" fil-klassi 36, tiddikjara li t-trade mark Nru 5 641 303 għet effettivament użata għal, tal-inqas, "negożji finanzjarji, jiġifieri, servizzi ta' investment, fondi ta' investment, analiżi ta' investimenti, ġestjoni u amministrazzjoni ta' investimenti, pariri dwar investment u servizzi ta' investment fi proprjetajiet immobbli.
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

Ksur tal-Artikoli 18 u 58 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625.

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2020 – Puigdemont i Casamajó u Comín i Oliveres vs Il-Parlament

(Kawża T-115/20)

(2020/C 129/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Carles Puigdemont i Casamajó (Waterloo, il-Belġju), Antoni Comín i Oliveres (Waterloo) (rappreżentanti: P. Bekaert, G. Boye u S. Bekaert, lawyers u B. Emmerson, QC)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew, kif riflless fl-ittra tal-10 ta' Diċembru 2019, li ma tithabbarx fil-Parlament u li tiġi rreferuta lill-kumitat responsabbli t-talba għad-difiża tal-immunità tar-rikorrenti ppreżentata minn Diana Riba i Giner għan-nom tagħhom fl-10 ta' Ottubru 2019 skont ir-Regola 7(1) u (2) u r-Regola 9(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw motiv wieħed, dwar l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew li ma tithabbarx fil-Parlament u li tiġi rreferuta lill-kumitat responsabbli t-talba għad-difiża tal-immunità tar-rikorrenti, tikser ir-Regola 9(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew flimkien mal-Artikolu 343 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mal-Artikoli 9 u 18 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, mal-Artikoli 6, 39(2), 41 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, mal-Artikolu 2(1) tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup> u mar-Regola 5(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU 2012 C 326, p. 266.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-istatut għall-membri tal-Parlament Ewropew (2005/684/KE, Euratom), ĠU 2005 L 262, p. 1.